MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 397/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**DARREN SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 439785 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar il-15 ta` Dicembru, 2010, gewwa Triq Dun Gejtanu Mannarinu, Birkirkara, u f'dawn il-Gzejjer Maltin ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor u dan fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CHA 686 liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma ta` izjed minn mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta` Charlene Gatt li ghandha numru tal-Karta tal-Identita` 0266386 (M), James Gatt li ghandu numru tal-Karta tal-Identita` 97564 (M) u terzi persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza mill-Qorti liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti hija tal-fehma li z-zewg verzjonijiet taz-zewg partijiet huma t-tnejn kreddibli, fis-sens illi, din ta` Charlene Gatt li qiedgha tghid illi hija waqfet u meta wafqet l-imputat strah jew ta` daqqa b'idu fuq il-*bonnet* tal-karozza u kkawza d-danni, kif ukoll il-verzjoni tal-imputat illi huwa zamm mal-*bonnet* tal-karozza b'idejh wara li Charlene Gatt kienet se ttajru.

Stante li z-zewg verzjonijet huma kreddibli, dina l-Qorti ma tistax tiddeciedi liema wahda ghandha taghzel. B'hekk qed jigi kreat dubju li huwa ragonevoli li *per di piu`* il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tapprova l-hsara kkagunata minn Darren Spiteri, jekk hu kkaguna li hija ta` natura volontarja stante li jekk tiehu z-zewg verzjonijiet

inkonsiderazzjoni, il-possibilita` hija li Darren Spiteri laqgha il-*bonnet* tal-karozza sempliciment biex jistrieh maghha jew biex jevita li huwa jigi mtajjar minn Charlene Gatt.

Ghal dawn il-motivi, u minhabba dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti qiedgha tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------